



C/2023/1504

18.12.2023

AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

rigward il-linji gwida dwar il-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-Unjoni ("linji gwida tal-ASF")

(C/2023/1504)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Werrej

	<i>Paġna</i>
ABBREVJAZZJONIJIET	3
DEFINIZZJONIJIET	3
INTRODUZZJONI	4
I. IL-LEĠIŻLAZZJONI EWLENJA TAL-UE RELATATA MAL-ASF	4
II. ANIMALI PORĊINI MIŻMUMA	5
1. Ġenerali	5
2. Miżuri addizzjonali għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-ASF f'animali porċini miżmuma	5
2.1. Sensibilizzazzjoni	6
2.2. Miżuri ta' bijosigurtà	6
2.3. Żamma fil-beraħ ta' animali porċini fiż-żoni ristretti II u III	6
2.4. Żjarat regolari minn veterinarji uffiċjali	6
2.5. Valutazzjoni tar-riskju dwar l-għalf	6
2.6. Kampjunar u ttestjar	7
III. ANIMALI PORĊINI SELVAĠĠI	7
1. Ġenerali	7
2. Miżuri addizzjonali għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-ASF fl-animalli porċini selvaġġi	8
2.1. Illixkar	8
2.2. Miżuri ta' bijosigurtà f'żoni affettwati u waqt il-kaċċa	8
2.3. Ġbir tad- <i>data</i> ewlenija	9
2.4. Kooperazzjoni	9
2.5. Qtil	9
2.6. Stabbiliment ta' "żoni bojod"	9
2.7. Bini ta' reċinti	9
2.8. Kaċċa	10
2.9. Sorveljanza passiva, inkluż it-tiftix ta' animali porċini selvaġġi mejtin u l-immaniġġar tal-karkassi	10
2.10. Aċċess ristrett għal żoni infettati	10
2.11. Restrizzjonijiet ta' tmigħ sostnut	10
2.12. Kampjunar u ttestjar	11
2.13. Insib	11

3.	Applikazzjoni ta' miżuri f'żoni differenti jew f'żoni ristretti.....	11
3.1.	Miżuri li jistgħu jittieħdu f'żoni fejn l-ASF ma jkunx preżenti u li ma jmissux maż-żoni ristretti ...	11
3.2.	Miżuri li jistgħu jittieħdu f'żoni, fejn l-ASF ma jkunx preżenti (inkluża ż-żona ristretta I), li jmissu maż-żoni ristretti elenkati fl-Anness I u II tar-Regolament dwar l-ASF	12
3.3.	Miżuri li jistgħu jittieħdu f'żoni li jkunu għadhom kif ġew infettati biex jinqered l-ASF	12
3.4.	Miżuri li jistgħu jittieħdu f'żoni infettati wiesgħa biex tiġi kkontrollata l-ASF.....	14
IV.	Prinċipji u kriterji għad-definizzjoni ġeografika tar-reġjonalizzazzjoni tal-ASF fl-UE.	14
ANNESI		
Anness I –	Messaġġi ewlenin għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni fl-Istati Membri	18
Anness II -	Miżuri ta' bijosigurtà għall-kaċċaturi u għall-persunal kollu li jfittex u jittratta karkassi ta' animali porċini selvaġġi	21
Anness III -	Kampjunar ta' animali porċini selvaġġi u t-tneħħija ta' karkassi ta' animali porċini selvaġġi fl-Istati Membri kkonċernati	22
Anness IV –	Sommarju tar-rakkomandazzjonijiet relatati mal-animali porċini selvaġġi kif deskritt fil-Kapitolu III	23

ABBREVJAZZJONIJIET

Ab	Antikorpi
AHL	Ir-Regolament (UE) 2016/429
ASF	Deni tal-ħnieżer Afrikan
Linji Gwida tal-ASF	Linji gwida dwar il-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-Unjoni
ASFV	Virus tad-deni tal-ħnieżer Afrikan
Ir-Regolament dwar l-ASF	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/594 ⁽¹⁾ li jistabbilixxi miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard għad-deni tal-ħnieżer Afrikan u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605
EFSA	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel
ELISA	Assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu
UE	Unjoni Ewropea
EURL	Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-ASF ⁽²⁾
EUVET	Tim ta' emerġenza veterinarja tal-UE ⁽³⁾
FAO	Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti
GF-TADs	Qafas Globali għall-Kontroll Progressiv tal-Mard Transkonfinali tal-Annimali
IPT	Test tal-immunoperossidażi
NAPs	Pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-annimali porċini selvaġġi sabiex jiġi evitat it-tixrid tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 56 u fl-Anness IV tar-Regolament dwar l-ASF.
WOAH	Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali
PAFF	Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf
PCR	Reazzjoni katina bil-polimerażi
SGE dwar l-ASF	Grupp Permanenti ta' Esperti dwar id-deni tal-ħnieżer Afrikan

DEFINIZZJONIJIET

Għall-fini ta' dawn il-linji gwida jintużaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Lixka: tfisser il-prattika tal-użu ta' ammonti limitati ta' għalf (eż. qamħirrum) jew ta' attrattanti oħrajn sabiex l-annimali porċini selvaġġi jiġu attirati f'żona partikolari (żona magħżula fejn jitqiegħdu l-għalf jew attrattanti oħrajn), fejn imbagħad ikunu jistgħu jiġu kkaċċjati jew maqbuda.

Qtil: tfisser il-qtil ta' annimali porċini selvaġġi sabiex tintrema l-karkassa mingħajr it-tlestija.

Insib: tfisser il-qbid ta' annimali porċini selvaġġi bin-nases.

Tmigħ sostnut ta' annimali porċini selvaġġi: tfisser il-prattika li jingħata għalf lill-annimali porċini selvaġġi f'żona partikolari matul perjodu ta' żmien estiż bl-intenzjoni li tiġi appoġġata s-sopravivenza jew it-tkabbir artifiċjali tal-popolazzjoni ta' dawġ l-annimali.

⁽¹⁾ ĠU L 129, 15.4.2021, p. 1.

⁽²⁾ <https://asf-referencelab.info/asf/en/>

⁽³⁾ https://food.ec.europa.eu/animals/animal-diseases/veterinary-emergency-team_en

INTRODUZZJONI

Il-linji gwida tal-ASF huma żviluppati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri u huma mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE biss hija kompetenti biex tinterpreta b'mod awtorevoli d-dritt tal-Unjoni.

Dan id-dokument għandu l-għan li jipprovdi gwida lill-Istati Membri u/jew lill-partijiet ikkonċernati dwar l-għodod disponibbli għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-ASF b'rispons għas-sitwazzjoni epidemjoloġika ta' dik il-marda fl-UE u fuq livell globali.

Dawn il-linji gwida tal-ASF huma msemija fir-Regolament dwar l-ASF:

- il-premessa 5 (fir-rigward tal-prinċipji u l-kriterji għad-definizzjoni ġeografika tar-reġjonalizzazzjoni tal-ASF fl-UE);
- l-Artikolu 59(3)(b) (fir-rigward tal-obbligi ta' informazzjoni speċjali tal-Istati Membri kollha li jikkonċernaw l-ASF);
- il-punt (c) tal-Anness IV (fir-rigward tar-rekwiżiti minimi għall-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-annimali porċini selvaġġi sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-ASF fl-Unjoni).

Il-linji gwida tal-ASF:

- jipprovdu informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet eżistenti tad-dritt tal-Unjoni;
- juru u jħeġġu l-aħjar prattiki dwar il-ġestjoni tal-ASF;
- jipprovdu pariri dwar miżuri speċifiċi (li ma humiex stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE) dwar il-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-ASF fl-Unjoni;
- jipprevedu l-prinċipji u l-kriterji għad-definizzjoni ġeografika tar-reġjonalizzazzjoni tal-ASF fl-UE.

Il-linji gwida tal-ASF jistgħu jiffasslu skont il-ħtiġijiet tal-Istati Membri jew tar-reġjuni, bl-għan li jindirizzaw livell differenti ta' riskji kif definit fil-valutazzjonijiet tar-riskju (*) mwettqa minn kull Stat Membru u billi titqies l-istruttura ta' awtoritajiet veterinarji kompetenti u awtoritajiet oħrajn, il-leġiżlazzjoni nazzjonali u speċifikitajiet oħrajn fil-livell nazzjonali jew lokali.

Il-linji gwida tal-ASF ġew żviluppati u huma aġġornati kif meħtieġ, abbażi ta':

- standards internazzjonali (°);
- valutazzjonijiet xjentifiċi (primarjament kif ippreżentati mill-EFSA (°));
- l-aħjar prattiki u esperjenzi mill-Istati Membri u minn pajjiżi oħrajn, u l-missjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-EUVET;
- informazzjoni oħra relevanti.

I. IL-LEĠIŻLAZZJONI EWLENIJA TAL-UE RELATATA MAL-ASF

L-aktar leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni relatata mal-prevenzjoni, mal-kontroll u mal-eradikazzjoni tal-ASF hija miġbura fil-qosor fit-tabella ta' hawn taħt:

Nru	Titolu	Għan ewlieni tal-att legali	Kummenti
1.	Ir-Regolament (UE) 2016/429 (°) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-	Qafas legali orizzontali dwar is-saħħa tal-annimali fl-Unjoni.	“Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali” (AHL) Link għal aktar informazzjoni fuq is-sit web tal-Kummissjoni:

(*) EFSA Journal 2018;16(11):5494

(°) <https://www.woah.org/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/>

(°) <https://www.efsa.europa.eu/en/topics/topic/african-swine-fever>

(°) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

Nru	Titolu	Għan ewlieni tal-att legali	Kummenti
	annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali		https://ec.europa.eu/food/animals/health/regulation_en Il-Kummissjoni adottat diversi atti delegati u ta' implimentazzjoni ⁽⁸⁾ biex tagħmel applikabbli r-regoli l-ġodda.
2.	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ⁽⁹⁾ tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat	Jipprevedi miżuri f'każ ta' sospett uffiċjali jew konferma tal-mard, l-istabbiliment ta' żoni ristretti (żoni ta' protezzjoni/sorveljanza) u infettati, projbizzjonijiet u kundizzjonijiet għal movimenti awtorizzati minn dawk iż-żoni.	Regoli supplimentari dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard. Link għal aktar informazzjoni fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/food/animals/animal-diseases/diseases-and-control-measures_en
3.	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/594 ⁽¹⁰⁾ tas-16 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard għad-deni tal-ħnieżer Afrikan u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605	Jipprevedi miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard għall-ASF (miżuri ta' tqassim f'żoni tal-UE relatati mal-ASF), listi fiż-żoni ristretti I, II u III fil-livell tal-Unjoni (l-Anness I) u żoni ristretti, li jinkludu żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, u ż-żoni infettati (l-Anness II), jipprevedi miżuri ta' bijosigurtà armonizzati għal ċerti stabbilimenti (l-Anness III) u rekwiżiti minimi għall-NAPs (l-Anness IV).	Miżuri speċjali ta' kontroll tal-ASF (miżuri ta' tqassim f'żoni tal-ASF tal-Unjoni). Link għal aktar informazzjoni fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/food/animals/animal-diseases/control-measures/asf_en

II. ANNIMALI PORĊINI MIŻMUMA

1. Ġenerali

Il-miżuri li jridu jittieħdu biex jipprevjenu, jikkontrollaw u jeqirdu l-ASF f'annimali porċini miżmuma huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE msemmija fit-Taqsima I.

2. Miżuri addizzjonali għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-ASF f'annimali porċini miżmuma

Il-linji gwida tal-ASF jipprevedu gwida dwar kif għandhom jiġu implimentati aħjar il-miżuri għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-ASF f'annimali porċini miżmuma li għandhom jitqiesu meta rilevanti.

⁽⁸⁾ https://food.ec.europa.eu/animals/animal-health/animal-health-law/delegated-and-implementing-acts_en

⁽⁹⁾ ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 79, 17.3.2023, p. 65.

2.1. Sensibilizzazzjoni

Minbarra l-obbligi ġenerali stabbiliti fl-AHL, ir-Regolament dwar l-ASF jipprevedi obbligi speċjali kif ġej:

- obbligi speċjali ta' informazzjoni u taħriġ fl-Istati Membri kkonċernati (l-Artikoli 57 u 58 tar-Regolament dwar l-ASF);
- obbligi ta' informazzjoni speċjali fl-Istati Membri kollha (l-Artikolu 59 tar-Regolament dwar l-ASF).

L-Anness I tal-Linji Gwida jipprevedi messaġġi ewlenin u strateġiji ta' komunikazzjoni mfassla għal udjenzi fil-mira differenti. Dawn jistgħu jipprovdu bażi għall-istabbiliment ta' kampanji nazzjonali ta' sensibilizzazzjoni fl-Istati Membri kollha.

Depożitarju ta' materjal ta' komunikazzjoni dwar l-ASF użat f'pajjiżi differenti huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web ⁽¹⁾ tal-SGE dwar l-ASF fl-Ewropa (inizjattiva GF-TADS).

2.2. Miżuri ta' bijosigurtà

Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi kunċett ġenerali u definizzjoni tal-bijosigurtà u fih ċerti dispożizzjonijiet orizzontali ⁽²⁾ fir-rigward tagħha.

L-Artikolu 16(1)(b)(i) u l-Anness III tar-Regolament dwar l-ASF jipprevedi miżuri rinfurzati ta' bijosigurtà għal stabbilimenti ta' annimali porċini miżmuma li jinsabu fiż-żoni ristretti I, II u III sitwati fl-Istati Membri kkonċernati fil-każ ta' movimenti ta' ċerti kunsinni, awtorizzati mill-awtorità kompetenti f'konformità mar-Regolament dwar l-ASF.

Il-miżuri ta' bijosigurtà previsti fl-Anness III tar-Regolament dwar l-ASF għandhom jiġu promossi wkoll fl-Istati Membri kollha u jistgħu jiġu applikati fi stabbilimenti oħrajn (li ma għandhomx obbligi f'konformità mar-Regolament dwar l-ASF) ta' annimali porċini miżmuma (ħlief biċċeriji, meta rilevanti) bl-għan tal-prevenzjoni, tal-kontroll u tal-eradikazzjoni tal-ASF.

2.3. Żamma fil-beraħ ta' annimali porċini fiż-żoni ristretti II u III

Minħabba riskju ta' trażmissjoni tal-ASFV, huwa rrakkomandat li ż-żamma fil-beraħ ta' annimali porċini tiġi llimitata mill-inqas fiż-żoni ristretti II u III. Wara valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi dwar iż-żamma fil-beraħ ta' annimali porċini fiż-żoni ristretti II u III fuq bażi ta' każ b'każ ⁽³⁾ abbażi ta':

- il-miżuri xierqa ta' bijosigurtà (eż. il-bini ta' reċinti doppji jew il-bini ta' reċinti solidi uniċi);
- l-implimentazzjoni regolari ta' valutazzjonijiet tal-bijosigurtà indipendenti u oġġettivi fuq il-post jew fi stabbilimenti oħrajn (eż. stabbilimenti konfinati, inklużi ż-żoos) bl-użu ta' protokoll standard komprensivi;
- valutazzjoni jew approvazzjoni possibbli, meta rilevanti, tal-farms tal-ħnieżer fil-beraħ abbażi tar-riskju ta' bijosigurtà tagħhom f'sistema uffċjali ġestita mill-awtoritajiet kompetenti.

2.4. Żjarat regolari minn veterinarji uffċjali

L-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament dwar l-ASF jipprevedi frekwenza ta' żjarat regolari fi stabbilimenti soġġetti għal movimenti awtorizzati ta' ċerti kunsinni fiż-żoni ristretti u barra minnhom. L-istabbilimenti fejn l-annimali porċini jinżammu biss għall-konsum proprju għandhom jiġu soġġetti wkoll għal żjarat regolari minn veterinarji uffċjali abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju ffukata fuq l-ASF u mwettqa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat u f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.

2.5. Valutazzjoni tar-riskju dwar l-għalf

Ir-riskju mill-għalf jitqies li huwa aktar baxx ⁽⁴⁾ minn diversi perkorsi oħrajn (eż. kuntatt ma' annimali ħajjin infettati u tmigħ ta' fdalijiet). Filwaqt li l-EFSA tidentifika xi tipi ta' għalf, li jistgħu jgħolqu riskju għat-trasferiment tal-ASF għal stabbiliment tal-ħnieżer, b'mod partikolari f'reġjuni fejn hemm kontaminazzjoni tal-annimali porċini selvaġġi, perkorsi tar-riskju oħrajn huma aktar probabbli li jirrikjedu l-ġestjoni tar-riskju, bħat-tmexxija ta' ħnieżer domestiċi ħajjin, it-tmigħ ta' fdalijiet bi prodotti li joriġinaw mill-ħnieżer jew l-awtorizzazzjoni ta' kuntatt bejn annimali porċini selvaġġi u annimali porċini miżmuma.

⁽¹⁾ <https://rr-europe.woah.org/en/Projects/gf-tads-europe/standing-groups-of-experts-on-african-swine-fever-in-europe/depository-on-african-swine-fever/>

⁽²⁾ Pereżempju, l-Artikoli 10, 55, 65 eċċ.

⁽³⁾ EFSA Journal 2021;19(6):6639.

⁽⁴⁾ EFSA Journal 2021;19(4):6558.

Ħuxlief, tiben jew h'hub prodotti lokalment, maħsuda minn żona fejn hemm l-ASF fl-annimali porċini selvaġġi, l-użu ta' tagħmir tal-farm minn żona simili, jew l-għoti ta' foraġġ frisk lill-ħnieżer ġie identifikat bħala sorsi potenzjali ta' ASF għall-ħnieżer domestiċi, b'mod partikolari fi stabbilimenti fejn jinżammu annimali porċini għall-konsum tagħhom stess.

Sistemi effettivi ta' traċċabbiltà u miżuri ta' bijosigurtà biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-provvisti tal-ingredjenti tal-għalf għandhom jiġu implimentati kif xieraq mill-operaturi tan-negozju tal-għalf biex jindirizzaw ir-riskji tat-trażmissjoni tal-ASFV.

Meta rilevanti, il-ħżin (f'temperaturi oġhla minn 0° C) ta' prodotti tal-għalf u ta' materjali ta' arrikkiment jew ta' friex li joriġinaw minn żoni affettwati mill-ASF qabel l-użu tagħhom se jnaqqas ir-riskju ta' sopravivenza tal-ASFV fil-matriċi. F'sitwazzjonijiet speċifiċi, l-awtorità kompetenti għandha tqis il-proċessi rilevanti ta' dekontaminazzjoni u ħżin (eż. il-ħin tal-ħżin, it-trattament, it-temperatura) li jwasslu għal tnaqqis ta' kontaminazzjoni potenzjali tal-virus fl-għalf imċaqlaq minn żoni affettwati mill-ASF għal żoni mhux affettwati.

Jekk l-użu ta' h'hub, ħaxix u tiben maħsuda lokalment jitqies li jirrappreżenta riskju (wara valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat) f'kundizzjonijiet prevalenti lokali (b'mod partikolari għal stabbilimenti fejn l-annimali porċini jinżammu biss għall-konsum proprju), l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra l-miżuri li ġejjin:

- a) projbizzjoni fuq it-tmiġħ ta' ħaxix jew ta' h'hub friski ⁽¹⁵⁾ lil annimali porċini miżmuma sakemm ma jiġix ittrattat biex jiġi diżattivat l-ASFV jew jinħażen 'il bogħod minn annimali porċini selvaġġi għal mill-inqas 30 jum qabel l-użu.
- b) projbizzjoni fuq l-użu ta' tiben ⁽¹⁶⁾ għall-friex ta' annimali porċini miżmuma sakemm ma jiġix ittrattat biex jiġi diżattivat l-ASFV jew jinħażen 'il bogħod minn annimali porċini selvaġġi għal mill-inqas 90 jum qabel l-użu.

2.6. Kampjunar u ttestjar

Ir-rekwiżiti għall-kampjunar u l-ittestjar tal-ASF f'annimali porċini miżmuma huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE msemmija fit-Taqsima I.

F'każ ta' tbiċċir ta' annimali porċini miżmuma għall-konsum proprju fl-istess stabbiliment, il-kampjunar u l-ittestjar għall-ASF għandhom jitwettqu skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti, mill-inqas fiż-żoni ristretti.

Il-ġbir ta' kampjuni, kif ukoll it-tekniki, il-validazzjoni u l-interpretazzjoni tal-metodi dijanjostiċi għandhom jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 ⁽¹⁷⁾ u, meta rilevanti, għandhom iquisu wkoll:

- gwida disponibbli fuq is-sit web tal-EURL ⁽¹⁸⁾; u
- il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija dwar is-Saħħa tal-Annimali (WOAH) ⁽¹⁹⁾.

III. ANNIMALI PORĊINI SELVAĠĠI

1. Ġenerali

Il-miżuri li jridu jiġu adottati għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-ASF fl-annimali porċini selvaġġi huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE msemmija fit-Taqsima I.

L-annimali porċini selvaġġi għandhom rwol importanti fit-tixrid u fiż-żamma tal-ASF. Il-ġestjoni adegwata ⁽²⁰⁾ tal-annimali porċini selvaġġi kif irrakkomandat minn dawn il-Linji Gwida għandha ssir fi:

⁽¹⁵⁾ Li joriġinaw minn żoni fejn ġie rrapportat l-ASF.

⁽¹⁶⁾ Li joriġinaw minn żoni fejn ġie rrapportat l-ASF.

⁽¹⁷⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

⁽¹⁸⁾ <https://asf-referencelab.info/asf/en/>

⁽¹⁹⁾ <https://www.woah.org/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/>

⁽²⁰⁾ EFSA Journal 2018;16(11):5494.

- żoni mhux affettwati mill-marda - b'enfasi fuq l-aħjar prattiki ta' prevenzjoni, detezzjoni bikrija u tħejjija għall-okkorrenza possibbli tal-ASF; u
- żoni diġà affettwati mill-marda - bl-għan tiġi kkontrollata u meqruda l-marda.

Id-densità tal-annimali porċini selvaġġi titqies b'hała l-aktar fattur ta' riskju influwenti għall-okkorrenza tal-ASF f'dawk l-annimali. Il-miżuri preventivi biex jitnaqqsu u jiġu stabbilizzati l-popolazzjonijiet ta' annimali porċini selvaġġi, qabel l-introduzzjoni tal-ASF, huma ta' benefiċċju kemm fit-tnaqqis (i) tal-probabbiltà tal-esponiment tal-popolazzjoni għall-ASF kif ukoll (ii) tal-isforzi meħtieġa għal azzjonijiet potenzjali ta' emerġenza (jiġifieri inqas tneħħija tal-karkassa) li kieku kellha sseħħ inkursjoni tal-ASF.

Approċċ fit-tul tal-ġestjoni tal-annimali porċini selvaġġi għandu jitqies mill-Istati Membri abbażi tal-NAPs.

2. **Miżuri addizzjonali għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-ASF fl-annimali porċini selvaġġi**

Il-linji gwida tal-ASF jipprevedu indikazzjoni u gwida addizzjonali dwar kif għandhom jiġu implimentati aħjar il-miżuri għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-ASF fl-annimali porċini selvaġġi, li għandhom jitqiesu meta rilevanti.

Il-miżuri relatati mal-prevenzjoni, mal-kontroll u mal-eradikazzjoni tal-ASF jistgħu jvarjaw (fil-limiti permessi mil-leġiżlazzjoni, meta rilevanti) u għandhom ikunu mfassla apposta miż-żona għal oħra. Dawn għandhom ikunu bbażati fuq:

- il-ħin tal-iżvilupp tal-marda f'żona (il-fażijiet differenti tal-infezzjoni jistgħu jiġu identifikati permezz ta' sistema kontinwa ta' sorveljanza passiva għad-detezzjoni bikrija tal-ASF f'annimali porċini selvaġġi flimkien mal-ittestjar ta' annimali porċini selvaġġi maqtulin bi sparatura);
- id-dinamika tal-popolazzjoni, tad-distribuzzjoni u tad-densitajiet eżistenti tal-annimali porċini selvaġġi;
- l-eżistenza ta' ostakli naturali jew artifiċjali;
- id-differenzi ambjentali u klimatiċi;
- il-prattiki agrikoli.

Il-linji gwida tal-ASF ikopru l-miżuri relatati mal-prevenzjoni, mal-kontroll u mal-eradikazzjoni tal-ASF fl-annimali porċini selvaġġi kif spjegat fil-punti 4.1 sa 4.14 tagħhom. Dawn il-miżuri huma miġbura fil-qosor fl-Anness IV tal-linji gwida tal-ASF.

2.1. *Illixkar*

L-illixkar ma għandux jirrappreżenta sors ta' tmigħ ta' annimali porċini selvaġġi għas-sostenn tal-popolazzjoni tagħhom (eż. matul ix-xitwa).

Wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju ta' introduzzjoni jew tixrid possibbli tal-ASF u filwaqt li tqis il-possibbiltà li jiġu applikati miżuri addizzjonali ta' mitigazzjoni tar-riskju, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tiddeċiedi dwar l-ammonti ta' għalf permessi għall-illixkar, filwaqt li tqis dan li ġej:

- is-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-ASF fi Stat Membru jew żona;
- l-għarfien tal-popolazzjoni eżistenti ta' annimali porċini selvaġġi fi Stat Membru jew f'żona; u
- il-prattiki tal-kaċċa fi Stat Membru jew f'żona.

2.2. *Miżuri ta' bijosigurtà f'żoni affettwati u waqt il-kaċċa*

Il-miżuri ta' bijosigurtà relatati mal-annimali porċini selvaġġi għandhom jissaħħu fl-Istati Membri u jsegwu l-Manwal żviluppat fl-ambitu tal-inizjattiva tal-GF-TADS "African swine fever in wild boar - ecology and biosecurity" ⁽²¹⁾, b'mod partikolari:

- il-Kapitolu 5 "Bijosigurtà fil-foresti affettwati", u
- il-Kapitolu 6 "Bijosigurtà waqt il-kaċċa".

⁽²¹⁾ <https://www.woah.org/app/uploads/2022/07/asf-in-wild-boar-ecology-and-biosecurity-2nd-ed.pdf>

Ir-reqwiżiti minimi ta' bijosigurtà għall-kaċċaturi u għall-persunal kollu li jfittex u jitratta l-karkassi ta' annimali porċini selvaġġi huma pprovduti wkoll fl-Anness II tal-linji gwida tal-ASF.

2.3. Ġbir tad-data ewlenija

L-ittestjar ta' annimali porċini selvaġġi għall-ASF fl-Istati Membri jipprovdi informazzjoni siewja dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-ASF u l-evoluzzjoni tal-marda. Flimkien ma' *data* rilevanti oħra, dan jippermetti l-adattament ta' miżuri konkreti għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-ASF kif meħtieġ.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiġbru u jipprovdu *data* epidemjoloġika dwar l-ASF u informazzjoni rilevanti oħra dwar il-marda lill-EFSA ⁽²²⁾, meta rilevanti. Tali skambju ta' informazzjoni jippermetti l-bini ta' għarfien xjentifiku dwar l-ASF ⁽²³⁾ bl-għan ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju u deċiżjonijiet ta' ġestjoni.

2.4. Kooperazzjoni

Il-ġestjoni tal-annimali porċini selvaġġi tirrikjedi l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u tal-partijiet ikkonċernati bħall-korpi ta' ġestjoni tal-forestrija, l-awtoritajiet ambjentali u l-kaċċaturi. Kooperazzjoni effettiva u effiċjenti hija essenzjali għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni bikrija, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-ASF. Il-miżuri meħuda fil-qafas ta' dawn il-linji gwida għandhom ikunu kompatibbli mal-leġiżlazzjoni ambjentali, tal-kaċċa u dik veterinarja rilevanti tal-UE u/jew nazzjonali, inklużi r-reqwiżiti tal-protezzjoni tan-natura u tal-bijodiversità u vvalutati kif xieraq f'termini ta' bażi xjentifika, ta' impatt u ta' effettività.

Depożitarju ta' materjal ta' informazzjoni rilevanti dwar l-ASF bl-aħjar prattiki użati f'pajjiżi differenti huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web ⁽²⁴⁾ tal-Grupp permanenti ta' esperti tal-ASF fl-Ewropa (inizjattiva GF-TADs).

2.5. Qtil

Il-qtil għandu jitqies għat-tnaqqis tal-popolazzjoni ta' annimali porċini selvaġġi, b'mod partikolari f'żoni li jkun għadhom kif ġew infettati jew f'żoni f'riskju.

2.6. Stabbiliment ta' "żoni bojod"

Il-kontroll tal-ASF jinkludi miżuri ta' tnaqqis tal-popolazzjoni tal-porċini selvaġġi, bħall-qtil preventiv, jew meta rilevanti, il-kaċċa, f'żoni delineati, imsejħa "żoni bojod ⁽²⁵⁾". L-esperjenzi preċedenti ta' ċerti Stati Membri jikkonfermaw li l-istabbiliment ta' tali żoni bojod jista' jkun għodda effettiva biex jiġi llimitat it-tixrid tal-marda fil-popolazzjoni tal-annimali porċini selvaġġi. Dawn iż-żoni bojod" jistgħu jiġu stabbiliti f'żona li hija ġeografikament biswit iż-żona ristretta tal-ASF rilevanti, jew fiha, fejn l-ASFV tkun qiegħda tiċċirkola f'annimali porċini selvaġġi. Għandhom jiġu applikati miżuri differenti (eż. il-bini ta' reċinti, depopolazzjoni sinifikanti u rapida ta' annimali porċini selvaġġi, eċċ.) flimkien f'"żoni bojod" biex iwaqqfu t-tixrid tal-ASF.

2.7. Bini ta' reċinti

Biex titrażżan il-popolazzjoni ta' annimali porċini selvaġġi, meta rilevanti, jista' jintuża l-bini ta' reċinti, bl-għan li jipprevjeni, jikkontrolla u jeqred l-ASF, b'mod partikolari fiż-żoni li jkun għadhom kif ġew infettati (bl-għan li tinqered l-ASF). Il-bini ta' reċinti għandu jsir f'żoni infettati limitati fil-qalba, biex jiġi stabbilit il-qtil preventiv ta' annimali porċini selvaġġi f'żona delineata ("żona bajda", biex jiġi limitat jew jitnaqqas il-moviment ta' annimali porċini selvaġġi minn żoni li jkun għadhom kif ġew infettati għal żoni mhux infettati, u flimkien ma' miżuri oħrajn (eż. kaċċa, "żoni bojod", insib, eċċ.) biex jitwaqqaf jew jitnaqqas it-tixrid tal-ASF. Jistgħu jintużaw tipi differenti ta' reċinti (eż. solidi, elettriċi), abbażi tal-kundizzjonijiet lokali u s-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-ASF f'żona partikolari u billi jitqies dan li ġej ⁽²⁶⁾:

— l-ebda disinn ta' reċinti elettriċi ma jista' jitqies bħala prova ta' 100 % ta' annimali porċini selvaġġi fuq skala kbira għal perjodu ta' żmien twil;

⁽²²⁾ Abbażi tat-talbiet tal-EFSA.

⁽²³⁾ <https://www.efsa.europa.eu/en/topics/topic/african-swine-fever>

⁽²⁴⁾ <https://rr-europe.woah.org/en/Projects/gf-tads-europe/standing-groups-of-experts-on-african-swine-fever-in-europe/depository-on-african-swine-fever/>

⁽²⁵⁾ EFSA Journal 2021;18(5):EN-6573.

⁽²⁶⁾ EFSA Journal 2018;16(7):5344.

- fil-passat, l-EFSA kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda evidenza li r-rcinti kbar kienu effettivi għat-trażżin ta' annimali porċini selvaġġi. Madankollu, jistgħu jitqiesu esperjenzi ġodda tal-Istati Membri dwar il-bini ta' rcinti (bħala miżura biex jiġi limitat jew jitwaqqaf it-tixrid tal-ASF) ta' żoni infettati ewlenin limitati;
- diversi studji dwar l-użu ta' repellenti tar-riħa biex l-annimali porċini selvaġġi jinżammu 'l bogħod ipprovdew riżultati diverġenti (diversi provi indikati fir-rapport rilevanti tal-EFSA ma setgħu juru l-ebda effett tar-repellent fuq l-intrużjoni ta' annimali porċini selvaġġi jew fuq il-ħsara tal-għejejel).

Ostakli naturali bħal xmajjar kbar jew stretti jistgħu jintużaw, meta rilevanti, għad-demarkazzjoni ta' żoni ristretti, peress li, f'ċerti sitwazzjonijiet, urew li l-effettività tagħhom titnaqqas, iżda mhux jimpedixxu kompletament, il-movimenti ta' annimali porċini selvaġġi.

2.8. Kaċċa

Il-kaċċaturi għandhom jitħarrġu fl-Istati Membri kollha biex ikunu konxji tar-riskji maħluqa mill-ASF u dwar l-aħjar Prattiki f'każ ta' sejba ta' annimali porċini selvaġġi mejtin jew ta' kwalunkwe każ suspettat ieħor tal-ASF.

Il-prattiki tal-kaċċa għandhom jiġu adattati għall-evoluzzjoni epidemjoloġika tal-marda minħabba l-effetti tagħhom fuq il-popolazzjonijiet ta' annimali porċini selvaġġi. F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali, jista' jintuża tagħmir tekniku addizzjonali għall-kaċċa biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti f'dawn il-linji gwida tal-ASF u fl-NAPs.

Għandha tiġi żgurata kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-partijiet ikkonċernati, kif xieraq ⁽²⁷⁾, b'mod partikolari meta l-ġestjoni tal-kaċċa fil-kuntest tal-ASF ma tkunx taħt il-kompetenza tal-awtorità veterinarja kompetenti tal-Istat Membru.

2.9. Sorveljanza passiva, inkluż it-tiftix ta' annimali porċini selvaġġi mejtin u l-immaniġġar tal-karkassi ⁽²⁸⁾

Is-sorveljanza passiva (anke meta tkun appoġġata minn ftitxija attiva ta' annimali porċini selvaġġi mejtin) hija l-aktar għodda effettiva biex jiġi identifikat l-ASF u jiġi mmonitorjat it-tixrid tiegħu. Għalhekk, għandhom jiġu mħeġġa l-kampjunar u l-ittestjar ta' karkassi ta' annimali porċini selvaġġi mejtin. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għas-sejba tal-karkassi f'żoni li jkunu għandhom kif ġew infettati u fil-prossimità ta' dawk iż-żoni.

Normalment, il-karkassi, li jinstabu l-ewwel, mhux neċċessarjament jirrappreżentaw l-ewwel każijiet tal-marda f'dik iż-żona. Għalhekk, għandha tissaħħaħ is-sorveljanza passiva (bl-għan ukoll li jiġu identifikati u lokalizzati l-aktar karkassi antikij) kif ukoll għandu jissaħħaħ l-itestjar tal-karkassi kollha, b'mod partikolari f'żoni li jkunu għandhom kif ġew infettati u qrib dawk iż-żoni.

2.10. Aċċess ristrett għal żoni infettati

L-aċċess għal żoni infettati (b'mod partikolari f'żoni li jkunu għandhom kif ġew infettati, fejn l-għan huwa li l-ASF jinqed mill-aktar fis possibbli) għandu jiġi ristrett b'mod xieraq minħabba r-riskji tat-trażmissjoni tal-ASF permezz tal-bnedmin, tat-tagħmir, tal-vetturi, eċċ. L-awtorità kompetenti għandha timmaniġġa dawk ir-restrizzjonijiet abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u filwaqt li tqis il-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi lokali speċifiċi.

2.11. Restrizzjonijiet ta' tmigħ sostnut

It-tmigħ sostnut ta' annimali porċini selvaġġi għandu jiġi ristrett fl-Istati Membri bl-għan li jillimita jew inaqqas, kif xieraq, is-sopravivenza u t-tkabbir artifiċjali tal-popolazzjoni ta' annimali porċini selvaġġi.

Il-postijiet tat-tmigħ jew l-apparat tat-tmigħ għal speċijiet selvaġġi oħrajn (eż. ruminanti selvaġġi) ma għandhomx ikunu aċċessibbli għall-annimali porċini selvaġġi u l-għalf użat minnhom ma għandux ikun attraenti għall-annimali porċini selvaġġi (eż. ħuxlief).

F'sitwazzjonijiet speċifiċi, wara valutazzjoni tar-riskju, l-awtorità kompetenti tista' tqis li tippermetti tmigħ sostnut ta' annimali porċini selvaġġi għal perjodu ta' żmien limitat bl-għan li l-annimali porċini selvaġġi jitqiegħdu f'żona li tkun għadha kif ġiet infettata fejn għan għal żmien qasir-medju jkun li jinqed l-ASF minn dik iż-żona.

⁽²⁷⁾ EFSA Journal 2018;16(11):5494.

⁽²⁸⁾ Għall-finijiet tal-linji gwida tal-ASF, it-terminu "karkassa" jkopri kemm i) annimali porċini selvaġġi li jinstabu mejtin (inklużi annimali porċini selvaġġi maqtulin fit-triq) u ii) annimali porċini selvaġġi maqtulin bi sparatura.

2.12. Kampjunar u ttestjar

Il-kampjunar u l-ittestjar ta' annimali porċini selvaġġi misjubin mejtin għandhom ikunu bbażati fuq:

- il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti; u
- sorveljanza passiva.

Meta jkun rilevanti, għandhom jiġu ttestjati l-karkassi misjubin, maqtulin (eż. fiż-żona li tkun għadha kemm ġiet infettata jew fiż-“żona bajda”) u l-annimali porċini selvaġġi morda għall-ASF billi tintuża l-PCR. Il-kampjuni għall-ittestjar fil-laboratorju għandhom jitwasslu mill-aktar fis possibbli lil-laboratorju (mill-inqas fi żmien 72 siegħa mill-kampjunar, ħlief f'żoni diġà ristretti fejn l-għan huwa li jiġi kkontrollat l-ASF).

Għandhom jitqiesu dawn li ġejjin:

- Il-PCR (detezzjoni tal-virus) għandu jkun it-test tal-għażla f'żoni fejn l-ASF ma jkunx preżenti u fiż-żoni ristretti tal-ASF;
- Test seroloġiku pożittiv waħdu għandu mnejn ma jindikax iċ-ċirkolazzjoni tal-virus;
- Id-detezzjoni tal-Ab, ma għandhiex tintuża għad-detezzjoni bikrija tal-ASFV iżda minflok bħala għodda (bħala test komplementari għat-test tal-PCR) biex tinftiehem aħjar l-evoluzzjoni tal-epidemjoloġija tal-ASF f'ċerti żoni u/jew f'sitwazzjonijiet speċifiċi bħal
 - (i) l-ittestjar ta' annimali porċini selvaġġi fiż-żona ristretta I (żoni infettati fil-fruntiera); animal seropożittiv jista' jkun indikattiv ta' sitwazzjoni ta' marda li qiegħda tevolvi bħat-tixrid tal-ASFV barra miż-żoni ristretti II jew III;
 - (ii) żoni fejn il-marda ilha preżenti għal perjodi twal.

Linji gwida addizzjonali dwar il-kampjunar ta' annimali porċini selvaġġi u t-tneħħija ta' karkassi fl-Istati Membri kkonċernati (l-Istati Membri li huma elenkati jew li għandhom żoni elenkati fl-Anness I u II tar-Regolament dwar l-ASF) huma pprovduti fl-Anness III tal-linji gwida tal-ASF.

2.13. Insib

L-insib għandu jitqies bħala miżura effettiva biex tiġi llimitata jew titnaqqas il-popolazzjoni ta' annimali porċini selvaġġi fil-kuntest tal-ASF f'żona limitata (eż. f'“żona bajda”), flimkien ma' miżuri oħrajn, bl-għan li jinqered l-ASF, b'mod partikolari fiż-żoni li jkunu għadhom kif ġew infettati.

3. Applikazzjoni ta' miżuri f'żoni differenti jew f'żoni ristretti

Miżuri addizzjonali għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-ASF fl-annimali porċini selvaġġi previsti fil-punt 2 tal-Kapitolu III, għandhom ikunu bbażati fuq is-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-ASF u mfassla għal żoni differenti jew żoni ristretti (kif iddefiniti fir-Regolament dwar l-ASF) ikkategorizzati għall-finijiet tal-linji gwida tal-ASF kif ġej:

- 3.1. *żoni fejn l-ASF ma tkunx preżenti u li ma jmissux maż-żoni ristretti;*
- 3.2. *żoni, fejn l-ASF ma jkunx preżenti (inkluża ż-żona ristretta I), żoni ristretti fil-fruntiera elenkati fl-Anness I (ħlief għaż-żona ristretta I) u II tar-Regolament dwar l-ASF;*
- 3.3. *żoni ristretti limitati li jikkorrispondu għal żoni li jkunu għadhom kif ġew infettati, fejn l-ASF kien preżenti f'annimali porċini selvaġġi għal żmien relattivament qasir (eż. filwaqt li jitqies l-iżvilupp epidemjoloġiku tal-marda) u fejn l-għan ewlieni f'dik iż-żona huwa l-eradikazzjoni tal-ASF f'perjodu ta' żmien qasir-medju;*
- 3.4. *żoni ristretti wiesgħa li jikkorrispondu għal żoni infettati sinifikanti (eż. it-territorju kollu jew parti sinifikanti minnu fl-Istat Membru), meta l-ASF ikun preżenti f'annimali porċini selvaġġi għal perjodu ta' żmien relattivament twil u fejn l-għan ewlieni f'dik iż-żona jkun il-kontroll tal-marda (peress li l-eradikazzjoni tal-ASF tista' ma tkunx fattibbli fuq perjodu ta' żmien qasir-medju).*

Ir-rakkomandazzjonijiet ġenerali dwar miżuri differenti għal żoni differenti u żoni ristretti huma pprovduti f'3.1 sa 3.4 u huma miġbura fil-qosor fl-Anness IV.

3.1. Miżuri li jistgħu jittieħdu f'żoni fejn l-ASF ma jkunx preżenti u li ma jmissux maż-żoni ristretti

Għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-ASF, għandu jitqies dan li ġej:

- a) l-illixkar b'ammonti limitati ta' għalf għandu jkun permess biss biex jiġu attirati annimali porċini selvaġġi għall-kaċċa, għall-insib u, meta rilevanti, għall-qtil;
- b) il-miżuri ta' bijosigurtà waqt il-kaċċa għandhom jiġu promossi u applikati;
- c) densità għolja ta' annimali porċini selvaġġi tista' tirriżulta friskju akbar ta' okkorrenza tal-ASF u, jekk jiġi introdott l-ASFV, fi trażmissjoni rapida u persistenza fit-tul tal-ASF f'żoni affettwati. Għalhekk, biex tiġi żgurata thejjiġa effiċjenti għall-ASF, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom primarjament ikollhom l-għan li jnaqqsu b'mod sinifikanti d-densità tal-popolazzjoni ta' annimali porċini selvaġġi, meta rilevanti ⁽²⁹⁾ u kif xieraq. Il-kaċċa għandha tkun iffokata biex jinkiseb tnaqqis kontinwu tal-popolazzjoni ta' annimali porċini selvaġġi. Għalhekk, għandha tiġi mħeġġa l-kaċċa mmirata (jew il-qtil, meta rilevanti) ta' annimali femminili adulti u kważi adulti ta' annimali porċini selvaġġi. Il-borża ġenerali tal-kaċċa għandha tkun ibbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa (50 % ta' kull kategorija);
- d) is-sorveljanza: il-kampjunar għandu jkun ibbażat fuq sorveljanza passiva; il-karkassi misjubin u annimali porċini selvaġġi morda għandhom jiġu testjati għall-ASF bil-PCR;
- e) it-tmiġh sostnut ta' annimali porċini selvaġġi għandu jkun limitat.

3.2. *Miżuri li jistgħu jittieħdu f'żoni, fejn l-ASF ma jkunx preżenti (inkluża ż-żona ristretta I), li jmissu maż-żoni ristretti elenkati fl-Anness I u II tar-Regolament dwar l-ASF*

Minbarra l-miżuri previsti fit-taqsimha 3.1, minħabba żieda fir-riskji tal-ASF, għandhom jiġu implimentati miżuri addizzjonali bl-għan li tiġi evitata l-introduzzjoni tal-ASF, biex tiġi żgurata detezzjoni rapida tal-ASF, meta rilevanti, u thejjiġa effiċjenti għall-ASF.

- a) l-illixkar b'ammonti limitati ta' għalf għandu jkun permess biss biex jiġu attirati annimali porċini selvaġġi għall-kaċċa, għall-insib u, meta rilevanti, għall-qtil;
- b) għandha titwettaq kaċċa intensiva (tista' tkun awtorizzata kemm kaċċa minn individwu jew kaċċa fejn grupp ta' kaċċaturi jikkawwja bħala grupp) biex jinkiseb tnaqqis fid-densità tal-annimali porċini selvaġġi, li jippermetti, wara okkorrenza possibbli tal-infezzjoni, it-trażżin tal-ASFV jew it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tat-tixrid tal-ASF;
- c) l-istrateġija ta' ġestjoni fit-tul tal-annimali porċini selvaġġi għandha tiġi indirizzata u mħeġġa (bl-involvement tas-setturi pubbliċi u privati) biex jintlaħqu l-għanijiet ta' tnaqqis tal-popolazzjoni; il-kaċċaturi għandhom jitqiesu bħala parti minn dik l-istrateġija;
- d) l-awtorità kompetenti għandha tiġġestixxi l-qtil, il-kaċċa u l-insib f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn;
- e) jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn għandha tikkunsidra li tibni reċinti;
- f) is-sorveljanza:
 - i. meta jkun rilevanti, għandha ssir għassa attiva biex jinstabu l-karkassi (preferibbilment minn persunal imħarreġ) sabiex tissaħħaħ is-sorveljanza passiva u bl-għan li l-ASF jiġi identifikat mill-aktar fis possibbli;
 - ii. il-kampjunar għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni tar-riskju u fuq sorveljanza passiva mtejbja; il-karkassi misjubin u l-annimali porċini selvaġġi morda għandhom jiġu testjati għall-ASF bl-użu tal-PCR, fejn rilevanti;
- g) l-annimali porċini selvaġġi mejtin kollha li jinstabu għandhom jintremew, kif previst mill-awtorità kompetenti.

3.3. *Miżuri li jistgħu jittieħdu f'żoni li jkunu għadhom kif ġew infettati biex jinqed l-ASF*

Minħabba l-preżenza tal-ASF, l-għan ewlieni huwa li l-marda tiġi kkontrollata f'żona limitata, li tiġi żgurata delineazzjoni preċiża ta' żona infettata u li jiġu implimentati miżuri ta' eradikazzjoni tal-ASF mill-aktar fis possibbli.

⁽²⁹⁾ Fiż-żoni li jkunu għadhom kif ġew infettati, il-ġestjoni tal-annimali porċini selvaġġi għandha titqies bir-reqqa bl-għan li ma l-AS jinfixx aktar.

Fl-UE jeżistu diversi eżempji ta' suċċess ⁽³⁰⁾ tal-eradikazzjoni tal-ASF fl-annimali porċini selvaġġi u għandhom jintużaw bħala bażi għall-iżvilupp ta' miżuri mfassla apposta biex jeqirdu l-ASF. Għandhom jitqiesu dawn li ġejjin:

- a) l-illixkar għandu jkun permess biss għall-insib u għall-qtil;
- b) is-sorveljanza:
 - i. is-sorveljanza passiva għandha tintuża bħala bażi għad-definizzjoni tal-fażi epidemika tal-marda (eż. inqas karkassi ta' annimali porċini selvaġġi mejtin li jkunu għadhom kif instabu jistgħu jindikaw il-fażi epidemika li qiegħda tonqos tal-ASF);
 - ii. sabiex tissaħħaħ is-sorveljanza passiva, għandha ssir għassa attiva biex jinstabu l-karkassi permezz ta' persunal imħarreġ, klieb jew droni;
 - iii. il-kampjunar għandu jkun ibbażat fuq sorveljanza passiva mtejbja; il-karkassi misjubin u l-annimali porċini selvaġġi morda għandhom jiġu kollha ttestjati għall-ASF bl-użu tal-PCR;
 - iv. minbarra l-ittestjar tal-annimali porċini selvaġġi mejtin kollha misjubin għall-ASFV, għandhom jiġu ttestjati wkoll annimali porċini selvaġġi kkaċċjati jew maqtulin għall-ASFV bl-użu tal-PCR (inkluż għad-detezzjoni tal-Ab, meta rilevanti);
- c) L-awtorità kompetenti, meta rilevanti, għandha tqis projbizzjoni tal-kaċċa (l-ispeċijiet kollha) u ta' attivitajiet oħrajn fil-foresta bħala miżura biex jiġi pprevenut it-tixrid tal-ASF, mill-inqas sat-tnaqqis tal-fażi epidemika. Il-grupp ta' esperti operazzjonali ⁽³¹⁾ għandu jassisti lill-awtorità kompetenti fil-valutazzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika u fid-definizzjoni tat-tmiem tal-fażi epidemika permezz tar-riżultati mis-sorveljanza passiva kontinwa;
- d) ma għandhiex issir kaċċa fejn grupp ta' kaċċaturi jikkaċċjaw bħala grupp, sakemm ma jkunux ġew implimentati miżuri rilevanti (eż. il-bini ta' reċinti) biex jipprevjenu lill-annimali porċini selvaġġi milli jiċċaqilqu;
- e) il-persuni kollha li jkunu qegħdin ifittxu u jittrattaw karkassi ta' annimali porċini selvaġġi għandhom japplikaw miżuri ta' bijosigurtà biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni possibbli ta' vetturi, btieħi u djar;
- f) meta rilevanti, l-aċċess għaż-żona infettata għandu jkun ristrett ħliet għall-persunal awtorizzat jew abbażi ta' derogi mogħtija mill-awtorità kompetenti;
- g) għandu jitwettaq taħriġ speċifiku għall-kaċċaturi biex titnaqqas il-probabbiltà ta' tixrid ulterjuri tal-virus fl-ambjent u barra miż-żona infettata;
- h) għandhom jiġu żgurati kontenituri għall-ħżin tal-karkassi ta' annimali porċini selvaġġi mill-inqas fiż-żona infettata, jekk ma jkun hemm l-ebda sistema alternattiva għall-għbir ta' annimali mejtin; il-mezzi għat-tindif u għad-diżinfekzjoni għandhom ikunu disponibbli f'kull post tal-ħżin; l-annimali porċini selvaġġi mejtin kollha misjubin għandhom jintremew, kif previst mill-awtorità kompetenti;
- i) jista' jkun permess l-insib għall-qtil (u l-ittestjar wara);
- j) il-qtil minn kaċċaturi mħarrġa jista' jitħalla jkollu l-għan li jeqred (jew mill-inqas inaqqas b'mod sinifikanti) il-popolazzjoni ta' annimali porċini selvaġġi, biss meta tkun intlaħqet il-fażi endemika (wara l-fażi epidemika) jew ikunu ġew implimentati miżuri oħrajn (eż. il-bini ta' reċinti) biex l-annimali porċini selvaġġi ma jitħallewx jiċċaqilqu u taħt is-supervizzjoni tal-awtorità kompetenti;
- k) ma għandha ssir l-ebda tlestija ta' annimali porċini selvaġġi (l-ebda evixxerazzjoni); l-annimali porċini selvaġġi maqtulin bi sparatura għandhom jitqiegħdu f'kontenituri jew f'boroż reżistenti għal-likwidi biex jitnaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-fluwidi tal-annimal;
- l) ir-reċinti ⁽³²⁾ jistgħu jillimitaw il-moviment ta' annimali porċini selvaġġi u b'hekk jikkontribwixxu għat-trażżin jew mill-inqas għat-tnaqqis tat-tixrid tal-marda. Il-bini tar-reċinti għandu jsir f'żoni definiti. Ir-reċinti għandhom jinbnew fil-ħin (u flimkien ma' miżuri oħrajn) biex inaqqsu t-tixrid tal-ASFV u jantiċipaw il-mewġa epidemika tal-marda.

⁽³⁰⁾ Iċ-Ċekja: https://ec.europa.eu/food/system/files/2019-02/ad_control-measures_asf_presentation-wild-boar-czech-rep.pdf; Il-Belġju: https://ec.europa.eu/food/system/files/2020-11/ad_control-measures_asf_erad-eu-bel.pdf.

⁽³¹⁾ Kif imsemmi fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2016/429 u fl-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

⁽³²⁾ EFSA Scientific Report: Epidemiological analyses of African swine fever in the European Union (Novembru 2017 sa Novembru 2018);

3.4. Miżuri li jistgħu jittieħdu f'żoni infettati wiesgħa biex tiġi kkontrollata l-ASF

L-għan ewlieni huwa li jiġi kkontrollat l-ASF fiż-żona, jiġi żgurat li l-marda ma tkunx qiegħda tinfirex aktar lejn żoni fejn l-ASF ma jkunx preżenti, jew, jekk dan ma jkunx fattibbli, jiġi llimitat kemm jista' jkun il-pass li bih l-ASFV jinxtered għal żoni oħrajn.

Minħabba l-preżenza ta' ASFV f'żoni infettati għal żmien sinifikanti ⁽³³⁾ u f'territorju sinifikanti u wiesa', għandhom jiġu kkunsidrati l-miżuri li ġejjin għall-kontroll tal-ASF:

- a) l-illixkar b'ammonti limitati ta' għalf għandu jkun permess biss biex jiġu attirati annimali porċini selvaġġi għall-kaċċa, għall-insib, u, meta rilevanti, għall-qtil;
- b) is-sorveljanza:
 - i. il-kampjunar għandu jkun ibbażat fuq sorveljanza passiva mtejba: il-karkassi kollha misjubin u l-annimali porċini selvaġġi morda għandhom jiġu ttestjati għall-ASF bl-użu tal-PCR; l-annimali porċini selvaġġi kkaċċjati jew maqtulin għandhom jiġu ttestjati skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti abbażi tas-sitwazzjoni epidemjoloġika speċifika u filwaqt li titqies il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE (bħall-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament dwar l-ASF;
 - ii. għandha ssir għassa attiva minn persunal imħarreġ sabiex tissaħħaħ is-sorveljanza passiva;
- c) il-kaċċa u l-insib għandhom ikunu ffokati fuq il-ġbir ta' kampjuni għall-ittestjar;
- d) għandhom jiġu applikati rekwiżiti minimi ta' bijosigurtà matul il-kaċċa, l-insib u t-tneħħija tal-karkassi;
- e) il-qtil ta' annimali porċini selvaġġi għandu jsir minn kaċċaturi mħarrġa;
- f) l-annimali porċini selvaġġi mejtin kollha misjubin kif ukoll il-karkassi ta' annimali porċini selvaġġi maqbuda jew ikkaċċjati li nstabu pożittivi għall-ASF għandhom jintremew, kif previst mill-awtorità kompetenti;
- g) b'mod ġenerali, ma għandux jiġi kkunsidrat il-bini ta' reċinti f'żoni wiesgħa ⁽³⁴⁾. Madankollu, f'sitwazzjonijiet speċifiċi, jista' jiġi kkunsidrat u implimentat il-bini ta' reċinti strateġiċi abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti.

IV. Prinċipji u kriterji għad-definizzjoni ġeografika tar-reġjonalizzazzjoni tal-ASF fl-UE

Ir-Regolament dwar l-ASF jistabbilixxi r-regoli dwar l-elenkar fil-livell tal-Unjoni fl-Anness I u II taż-żoni ristretti wara t-tifqigħat tal-ASF. Dawk iż-żoni ristretti għandhom jiġu elenkati fl-Anness I u II tar-Regolament dwar l-ASF filwaqt li titqies l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-mard u ta' dawn il-Linji Gwida, kif ukoll il-livell ta' riskju għat-tixrid tal-ASF u s-sitwazzjoni epidemjoloġika ġenerali tal-ASF fl-Istat Membru kkonċernat u fl-Istati Membri ġirien jew fil-pajjiżi terzi, meta rilevanti (kif previst fil-premessa 5 tar-Regolament dwar l-ASF).

1. *Il-leġiżlazzjoni tal-UE.* Ir-regoli dwar l-elenkar taż-żoni ristretti wara t-tifqigħat tal-ASF u l-miżuri applikabbli fiż-żoni ristretti rilevanti huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE msemmija fil-Kapitolu I tal-Linji Gwida tal-ASF. Ir-Regolament dwar l-ASF jistabbilixxi miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard għall-ASF li huma marbuta maż-żoni ristretti elenkati fl-Anness I u II tiegħu. Ir-Regolament dwar l-ASF jipprevedi wkoll approċċ ta' reġjonalizzazzjoni, li japplika flimkien mal-miżuri ta' kontroll tal-mard stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429 u fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Ir-Regolament dwar l-ASF jelenka ż-żoni ristretti tal-Istati Membri affettwati minn tifqigħat ta' ASF jew friskju minħabba l-prossimità ta' għal tali tifqigħat.
2. *Kriterji għad-demarkazzjoni ġeografika taż-żoni ristretti tal-ASF għall-elenkar, għall-emendar u għat-tneħħija mil-lista taż-żoni ristretti tal-ASF mill-Anness I jew II tar-Regolament dwar l-ASF.* Iż-żoni ristretti tal-ASF huma differenzjati skont is-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-ASF u l-livell ta' riskju ta' tixrid. Huma kklassifikati bħala (i) żoni ristretti I, II u III, biż-żona ristretta III li tindika l-ogħla livell ta' riskju għat-tixrid tal-ASF u l-aktar sitwazzjoni dinamika ta' mard f'annimali

⁽³³⁾ Għal aktar minn 24-36 xahar filwaqt li titqies is-sitwazzjoni speċifika f'dik iż-żona.

⁽³⁴⁾ Bħalissa, ma hemm l-ebda evidenza li reċinti kbar kienu effettivi għat-trażżin taċ-ċingjal (EFSA, doi: 10.2903/j.efsa.2018.5344).

porċini miżmuma, u, wara tifqigħa tal-ASF fi Stat Membru jew żona preċedentement mingħajr mard, bħala (ii) iż-żoni ristretti, li jinkludu żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza (fil-każ ta' tifqigħa tal-ASF f'annimali porċini miżmuma) u ż-żoni infettati (fil-każ ta' tifqigħa ta' dik il-marda f'annimali porċini selvaġġi). Barra minn hekk, daww iż-żoni ristretti għandhom jiġu elenkati, emendati jew jitneħħew mil-lista fl-Annessi I jew II tar-Regolament dwar l-ASF filwaqt li jitqiesu, meta rilevanti:

- 2.1. l-informazzjoni u l-ġustifikazzjoni pprovduti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-marda u l-miżuri meħuda;
 - 2.2. il-prinċipji u kriterji bbażati fuq ix-xjenza għad-definizzjoni ġeografika tar-reġjonalizzazzjoni minħabba l-ASF, u l-linji gwida attwali tal-ASF;
 - 2.3. is-sorveljanza li ssir u r-riżultati tagħha;
 - 2.4. il-livell ta' riskju għat-tixrid tal-ASF,
 - 2.5. is-sitwazzjoni epidemjoloġika ġenerali tal-ASF, l-evoluzzjoni tagħha u l-fatturi ta' riskju addizzjonali fl-Istat Membru kkonċernat u fl-Istati Membri ġirien jew f'pajjiżi terzi;
 - 2.6. il-preżenza storika u reċenti tal-ASF kemm fl-annimali porċini miżmuma kif ukoll f'daww selvaġġi kif muri permezz ta' sorveljanza effettiva;
 - 2.7. id-daqs tal-unità epidemjoloġika ta' tħassib, il-kontinwità territorjali u ġeografika ma' territorji kontigwi, it-tipoloġija tal-bijotopu preżenti;
 - 2.8. l-aspetti ġeografiċi marbuta mal-post tat-tifqigħat;
 - 2.9. il-fatturi ekoloġiċi (eż. modi tal-ilma, foresti) u l-eżistenza ta' ostakli naturali u artifiċjali (eż. awtostradi iżolati jew ferroviji jew "żoni bojod");
 - 2.10. il-preżenza u d-distribuzzjoni ta' annimali porċini selvaġġi;
 - 2.11. l-epidemjoloġija tal-marda;
 - 2.12. ir-riżultati ta' valutazzjonijiet epidemjoloġiċi speċifiċi mill-EFSA jew mill-awtoritajiet kompetenti;
 - 2.13. l-esperjenza storika miksuba fuq il-firxa tal-ASF;
 - 2.14. id-diviżjonijiet amministrattivi, il-kontinwità territorjali;
 - 2.15. l-eżegwibbiltà tal-miżuri ta' kontroll;
 - 2.16. id-distribuzzjoni u l-profil (eż. it-tip ta' produzzjoni (bħal attivitajiet ta' barra)) ta' stabbilimenti ta' annimali porċini miżmuma u l-eżistenza ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza;
 - 2.17. il-prattiki tal-kaċċa u kunsiderazzjonijiet oħrajn ta' ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi.
3. Abbażi ta' analiżi tad-*data* epidemjoloġika mill-Istati Membri affettwati mill-ġenotip II tal-virus tal-ASF, l-EFSA tressaq is-sejbiet li ġejjin rilevanti għar-reġjonalizzazzjoni fir-rapporti tagħha ⁽³⁵⁾ dwar l-ASF:
- 3.1. l-infezzjoni komplet tinfirex bil-mod mill-popolazzjonijiet porċini selvaġġi (il-veloċità medjana tal-propagazzjoni tal-infezzjoni tal-ASF f'ċerti żoni kienet stmata li hija bejn 8 u 17-il km/sena ⁽³⁶⁾),
 - 3.2. L-ASF daħal f'diversi Stati Membri tal-UE, permezz ta' żewġ proċessi distinti ta' tixrid:
 - 3.2.1. tixrid relattivament bil-mod u kontinwu medjat mill-porċini selvaġġi permezz ta' popolazzjonijiet ta' porċini u metapopolazzjonijiet selvaġġi;
 - 3.2.2. trażlokazzjonijiet medjati mill-bniedem li jwasslu għall-istabbiliment ta' raggruppamenti ġodda tal-ASF 'il bogħod miż-żoni ta' okkorrenza preċedenti tal-ASF.

⁽³⁵⁾ <https://www.efsa.europa.eu/en/topics/topic/african-swine-fever>

⁽³⁶⁾ Il-veloċità medjana tal-infezzjoni fil-Belġju, fiċ-Ċekja, fl-Estonja, fl-Ungerija, fil-Latvja, fil-Litwanja u fil-Polonja, kif stmat bl-użu tal-analiżi tan-network, kienu bejn 2,9 u 11,7-il km/sena (Epidemiological analyses of African swine fever in the European Union (Novembru 2018 sa Ottubru 2019). EFSA Journal, Volum 18, Hārga 1 ta' Jannar 2020.

4. *Perjodu ta' żmien tar-restrizzjonijiet. Iż-żoni elenkati fl-Anness I jew II tar-Regolament dwar l-ASF għandhom jinżammu taħt restrizzjonijiet sakemm is-sitwazzjoni epidemjoloġika tissodisfa l-kriterji biex jiġu emendati jew jitneħħew mil-lista ż-żoni ristretti tal-ASF. Il-prinċipji tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tad-WOAH ⁽³⁷⁾, flimkien ma' kunsiderazzjonijiet epidemjoloġiċi dwar il-marda, jipprovdu xi gwida dwar iż-żmien u l-kriterji li għandhom jiġu ssodisfati għall-irkupru tal-istatus ħieles ta' żona ristretta minħabba l-okkorrenza tal-ASF.*
5. *Kriterji ġenerali ewlenin għad-demarkazzjoni taż-żoni ristretti tal-ASF elenkati fl-Anness I jew II tar-Regolament dwar l-ASF. Sabiex l-ASF ma jitħallix jinxtred u jiġi protett is-suq intern tal-UE u l-kummerċ internazzjonali, għandu jiġi segwit approċċ prudenti u bbażat fuq ix-xjenza għall-emendar taż-żoni ristretti elenkati. Filwaqt li jitqiesu bħala linja bażi l-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tad-WOAH u l-aħjar għarfien disponibbli, għandhom jitqiesu dawn li ġejjin qabel ma jiġu emendati ż-żoni ristretti elenkati fl-Anness I jew II tar-Regolament dwar l-ASF:*
- 5.1. it-tnaqqis jew it-tħassir sħiħ taż-żoni ristretti I u II elenkati ma għandux iseħħ matul:
- 5.1.1. il-perjodi l-aktar intensivi fejn il-marda tinxtred aktar deskritti mill-EFSA;
- 5.1.2. matul perjodi oħrajn fejn il-marda tinxtred aktar fil-prossimità taż-żoni ristretti rilevanti;
- 5.1.3. is-sitwazzjoni epidemjoloġika ġenerali negattiva tal-ASF fl-Istat Membru kkonċernat.
- Madankollu, is-sitwazzjoni epidemjoloġika ġenerali pożittiva tal-ASF fl-Istat Membru u l-ġustifikazzjonijiet ipprovduti mill-awtorità veterinarja kompetenti jistgħu jitqiesu għat-tnaqqis u għat-tħassir sħiħ taż-żoni ristretti elenkati wkoll matul il-perjodi l-aktar intensivi msemmija fil-punt 5.1.1.;
- 5.2. kellu jkun hemm sorveljanza xierqa għall-ASF b'riżultati favorevoli fiż-żona ristretta rilevanti u fiż-żoni tal-madwar fit-territorju tal-Istat Membru għal żmien suffiċjenti rilevanti għall-epidemjoloġija tal-ASF;
- 5.3. is-sitwazzjoni epidemjoloġika ġenerali tal-ASF fil-pajjiż, il-ġustifikazzjonijiet ipprovduti mill-awtorità kompetenti u s-sejbiet tal-awditi tal-Kummissjoni, meta rilevanti;
- 5.4. l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta r-riskju li jirriżultaw mill-modifika taż-żoni ristretti u l-valutazzjoni għandha tindika li r-riskju tat-tixrid tal-ASF huwa negliġibbli kif xieraq għaż-żona ristretta rilevanti.
6. *Kriterji speċifiċi ewlenin għat-tnaqqis jew għat-tħassir sħiħ ta' żona ristretta III elenkata biex, meta jkun rilevanti, terġa' lura għal żona ristretta II (f'każ ta' preżenza ta' ASFV f'annimali porċini selvaġġi f'dik iż-żona) jew żona ristretta I (f'każ ta' preżenza ta' ASFV fi prossimità qrib f'annimali porċini miżmuma jew selvaġġ) jew għal żona mhux ristretta:*
- 6.1. ma kien hemm l-ebda każ ta' infezzjoni bl-ASFV f'dik iż-żona matul l-aħħar 3 snin; dan il-perjodu jista' jitnaqqas għal 12-il xahar meta s-sorveljanza f'pajjiż jew f'żona jew il-valutazzjoni xjentifika li tkun saret fil-livell tal-UE jew f'dak nazzjonali ma tkun uriet l-ebda evidenza ta' preżenza jew ta' involviment tal-qurdien *Ornithodoros*;
- 6.2. fil-każ ta' tifqigħa waħda jew limitata tal-ASF miġbura fl-ispazju u fiż-żmien (matul perjodu ta' 30 jum mill-ewwel tifqigħa f'dik iż-żona) fi stabbilimenti ta' annimali porċini miżmuma f'żona kbira biżżejjed mingħajr ebda tifqigħa tal-ASF f'annimali porċini miżmuma għal dawn l-aħħar 12-il xahar – il-perjodu ta' 3 snin jew 12-il xahar imsemmi fil-punt 6.1. jista' jitnaqqas għal tliet xhur dment li:
- 6.2.1. it-tindif u d-diżinfezzjoni preliminari u, meta rilevanti, il-kontroll tal-insetti u tar-rodenti, ikun twettqu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 (immedjatament wara t-tlestija tal-miżuri previsti fl-Artikolu 12, u meta rilevanti fl-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament) fl-istabbilimenti affettwati kollha;
- 6.2.2. il-miżuri msemmija fl-Artikoli 26 u 41 (żjarat mill-veterinarji uffiċjali u eżamijiet kliniċi u meta jkun meħtieġ fil-laboratorju) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġu implimentati; u

⁽³⁷⁾ https://www.woah.org/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/terrestrial-code-online-access/?id=169&L=1&htmlfile=cha_pitre_asf.htm

- 6.2.3. meta s-sorveljanza f'pajjiż jew f'żona jew valutazzjoni xjentifika li tkun saret fil-livell tal-UE jew f'dak nazzjonali ma tkun uriet l-ebda evidenza ta' preżenza jew ta' involviment tal-qurdien *Ornithodoros*;
7. *Kriterji speċifiċi ewlenin għat-tnaqqis jew għat-tħassir sħiħ taż-żona ristretta II elenkata u għar-ritorn fiż-żona ristretta I jew f'żona mhux ristretta:*
- 7.1. ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-ASF f'animali porċini selvaġġi matul l-aħħar 12-il xahar;
- 7.2. sitwazzjonijiet speċifiċi ⁽³⁸⁾ fir-rigward tat-tnaqqis tal-perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fil-punt 7.1. jistgħu jitqiesu abbażi ta' sitwazzjoni epidemjoloġika ġenerali tal-ASF tal-Istat Membru u l-ġustifikazzjonijiet ipprovduti mill-awtorità kompetenti rilevanti;
- 7.3. f'każ ta' sitwazzjoni epidemjoloġika favorevoli ġenerali fi Stat Membru kkonċernat, intwera n-nuqqas ta' ċirkolazzjoni tal-ASFV f'kuntest ġeografiku ddeterminat appoġġat mill-konklużjonijiet favorevoli tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Ħruġ tal-EFSA ⁽³⁹⁾ (approċċ b'żewġ fażijiet: kombinazzjoni ta' durata adegwata ta' perjodu ta' monitoraġġ "Fażi ta' Skrinjar" segwit minn perjodu adegwat ta' "Fażi ta' Konferma").
8. *It-tnaqqis jew it-tħassir sħiħ taż-żona ristretta I elenkata għandu jkun ibbażat fuq:*
- 8.1. evalwazzjoni tar-riskji relatati mal-ASF;
- 8.2. ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-ASF f'animali porċini miżmuma jew selvaġġi matul l-aħħar:
- 8.2.1. 12-il xahar;
- 8.2.2. jew tliet xhur, jekk il-kriterju msemmi fil-punt 6.2 jintuża biex minn żona ristretta III ikun hemm ritorn għal żona ristretta I rilevanti;
- 8.3. is-sett kollu ta' *data* epidemjoloġika f'kuntest ġeografiku u temporali usa', inkluża s-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-ASF fiż-żoni ristretti II u/jew III fil-fruntiera;
- 8.4. il-fażi epidemika tal-ASF fiż-żona rilevanti u, meta rilevanti, fl-Istat Membru kollu; it-tneħħija mil-lista taż-żona ristretta I ma għandhiex issir fi stadju bikri tal-epidemija.

⁽³⁸⁾ Pereżempju, l-aħħar każ tal-ASF ikkonfermat huwa attribwit għal karkassa dekomposta jew fil-forma ta' skeletru pożittiva għall-PCR ta' animalu porċinu selvaġġi li tindika l-mewt ta' dak l-animall xhur qabel id-data tal-konferma.

⁽³⁹⁾ EFSA Journal 2021: Volum 19, Hargha 3 ta' Marzu 2021.

ANNEX I

Messaġġi ewlenin għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni fl-Istati Membri

Il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni għandhom jinfurmaw, jedukaw u jimmotivaw lill-partijiet ikkonċernati kollha sabiex iżidu s-sorveljanza u r-rapportar, itejbu l-prattika ta' prevenzjoni u jipprevjenu ulterjorment it-tixrid u l-introduzzjoni tal-ASF f'oqsma ġodda. Dawn il-kampanji għandhom jenfasizzaw li:

- l-ASF joqtol kemm: l-annimali porċini miżmuma kif ukoll dawk selvaġġi,
- l-ASF jista' jxekkel l-għajxien tal-bdiewa,
- l-ASF jista' jagħmel il-popolazzjoni lokali ta' annimali porċini selvaġġi tonqos b'mod sinifikanti (jew saħansitra tisparixxi),
- l-ASF jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-kaċċa f'żoni affettwati.

Għandha tingħata rilevanza partikolari għar-raġunijiet u għall-benefiċċji għall-partijiet ikkonċernati biex jaġixxu, u l-iżvantaġġi jekk ma titteħidx azzjoni kontra l-ASF. Il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni għandhom jittfaslu biex jilhqnu l-udjenza fil-mira maħsuba. Il-komunikazzjoni għandha tkun frekwenti, għandhom jintgħażlu b'mod xieraq bosta mezz ta' komunikazzjoni. Għandhom jinħolqu opportunitajiet għar-rispons u għall-evalwazzjoni mill-udjenza.

Meta jkun meħtieġ, jistgħu jintużaw l-aħjar Prattiki u eżempji minn pajjiżi oħrajn ⁽¹⁾ ⁽²⁾.

Il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni għandhom jiġu rieżaminati perjodikament biex titqies informazzjoni ġdida.

Rilevanza tal-marda

L-ASF hija marda devastanti, normalment fatali, infettiva ta' annimali porċini miżmuma u selvaġġi (l-hekk imsejħa "ħnieżer domestiċi" u "ċingjal"); tirrappreżenta theddida serja għal dawk li jrabbu l-ħnieżer madwar id-dinja; la taffettwa lill-bnedmin u lanqas lil speċijiet oħrajn iżda ma hemm l-ebda trattament jew vaċċin għall-ASF. Il-marda tista' tikkawża impatt serju fuq is-saħħa tal-farms, tfixkil fil-kummerċ internazzjonali tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali, u telf ekonomiku kbir.

Is-settur tal-ħnieżer huwa wieheċ mill-aktar setturi agrikoli ekonomikament importanti fl-UE:

- Dan jirrappreżenta 8,2 % tal-output totali tal-industrija agrikola tal-UE, l-oġġla meta mqabbel ma' settur ieħor tal-laħam (is-sena 2022, sors DG AGRI).
- Il-laħam tal-majjal jammonta għal 52 % tal-produzzjoni totali tal-laħam tal-UE (is-sena 2022, sors tad-data DG AGRI).
- Il-laħam tal-majjal huwa l-aktar laħam esportat mil-laħam kollu prodott fl-UE: dan jirrappreżenta 61 % tal-esportazzjonijiet totali tal-laħam tal-UE (is-sena 2022, sors tad-data DG AGRI).

Matul l-ippjanar ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, għandha tiġi enfasizzata l-importanza tas-settur tal-ħnieżer fil-livell lokali u mhux biss fil-livell tal-UE.

Messaġġi ewlenin u għodod ta' komunikazzjoni ssuġġeriti għall-gruppi fil-mira ewlenin**1. Veterinarji (pubbliċi u privati):**

Għaliex għandu jitwaqqaf l-ASF?

- L-ASF jirrappreżenta theddida serja għat-trobbija tal-ħnieżer;
- ma jeżisti l-ebda trattament jew vaċċin effettiv kummerċjalment disponibbli għall-ASF;
- il-marda tista' tikkawża telf ekonomiku kbir fil-livell lokali, nazzjonali u tal-UE;
- Il-marda tikkawża ammont sostanzjali ta' tbatija kemm fost l-annimali porċini miżmuma kif ukoll dawk selvaġġi.

X'għandhom jagħmlu s-servizzi veterinarji biex iwaqqfu l-ASF?

- iwettqu sorveljanza;
- jiżguraw rapportar trasparenti u fil-pront tas-suspetti;

⁽¹⁾ <https://rr-europe.woah.org/en/Projects/gf-tads-europe/standing-groups-of-experts-on-african-swine-fever-in-europe/depository-on-african-swine-fever/awareness-material-on-asf/>

⁽²⁾ https://ec.europa.eu/food/animals/health/regulatory_committee/presentations_en

- jikkontribwixxu għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni u jissorveljawhom;
- japplikaw miżuri ta' bijosigurtà bejn u matul iż-żjarat fl-istabbilimenti;
- jiżguraw u jagħtu pariri biex itejbu l-bijosigurtà fl-istabbilimenti.

Għodod ta' komunikazzjoni ssuġġeriti:

- materjal għall-istampa, artikli, media, eċċ. frivisti speċjalizzati u f'media reġjonali/lokali;
- materjal stampat: posters, fuljetti, skedi informattivi, eċċ. jistgħu jitqassmu permezz ta' posta mmirata lill-assoċjazzjonijiet tal-veterinarji;
- l-organizzazzjoni ta' avvenimenti, taħriġ ta' seminars, konferenzi, eċċ. għal din il-mira;
- il-web u l-media soċjali online;
- vidjos qosra u animazzjonijiet distribwiti lill-udjenza fil-mira.

2. **Bdiewa:**

Għaliex għandu jitwaqqaf l-ASF?

- L-ASF jirrappreżenta theddida serja għat-trobbija tal-ħnieżer;
- il-marda tista' tikkawża telf ekonomiku kbir (dirett u indirett);
- l-ASF jista' jhedded l-għajxien tal-bidwi.

X'għandhom jagħmlu l-bdiewa biex iwaqqfu l-ASF?

- jirrapportaw sinjali kliniċi u sintomi tal-ASF jew kwalunkwe mortalità anormali;
- jipparteċipaw fi programmi volontarji ta' skrinjar;
- jiżguraw li l-ikel kollu li jkun fadal jitqiegħed f'kontenituri tal-iskart issiġillati u ma jiġix mitmugħ lill-annimali porċini miżmuma jew selvaġġi.
- jiżguraw u jtejbu l-bijosigurtà fil-livell tal-farm kif miftiehem mal-awtorità kompetenti.

Għodod ta' komunikazzjoni ssuġġeriti:

- materjal għall-istampa, artikli, media, eċċ. frivisti speċjalizzati u f'media reġjonali/lokali u servizzi ta' konsulenza għall-farms, meta rilevanti;
- materjal stampat: posters, fuljetti, skedi informattivi, eċċ. jistgħu jitqassmu permezz ta' posta mmirata lill-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa;
- l-organizzazzjoni ta' avvenimenti, taħriġ ta' seminars, konferenzi, eċċ. għal din il-mira;
- il-web u l-media soċjali online;
- vidjos qosra u animazzjonijiet distribwiti lill-udjenza fil-mira.

3. **Kaċċaturi:**

Għaliex għandu jitwaqqaf l-ASF?

- biex jiġu evitati r-restrizzjoni jew il-projbizzjoni tal-kaċċa, il-limitazzjonijiet għat-turiżmu għal skopijiet ta' kaċċa u t-telf ekonomiku sinifikanti għas-settur tal-kaċċa f'żoni infettati u/jew f'żoni ġirien;
- minħabba l-ASF, il-popolazzjonijiet ta' annimali porċini selvaġġi jistgħu jonqsu b'mod sinifikanti jew saħansitra jisparixxu;
- l-annimali porċini selvaġġi infettati jikkontaminaw l-ambjent u b'hekk it-tifqigħat sekondarji f'annimali porċini miżmuma jsiru aktar probabbli;
- jekk l-ASF ma jkunx jinsab f'żona limitata, il-virus jista' jippersisti fl-ambjent għal żmien twil bi strateġija ta' ħruġ diffiċli ħafna.

X'għandhom jagħmlu l-kaċċaturi biex iwaqqfu l-ASF?

- jikkollaboraw mal-awtorità kompetenti fis-sejba, fir-rapportar rapidu u fit-tneħħija sikura mill-ambjent ta' karkassi ta' annimali porċini selvaġġi;
- inaddfu u jiddiżinfettaw dejjem it-tagħmir, l-ilbies, il-vetturi u t-trofej fuq il-post qabel jitilqu miż-żona;
- jevixxeraw l-annimali porċini selvaġġi maqtulin bi sparatura fiż-żona ta' tlestija apposta tal-art tal-kaċċa, meta rilevanti;
- jikkontribwixxu għat-tnaqqis gradwali tal-popolazzjonijiet ta' annimali porċini selvaġġi billi jnaqqsu d-densità ta' daww l-annimali fiż-żoni li għadhom ma humiex affettwati mill-marda (inkluża l-kaċċa mmirata ta' annimali femminili adulti u kważi adulti);
- ma jagħflux annimali porċini selvaġġi matul is-sena kollha;
- jevitaw vjaġġi tal-kaċċa lejn żoni magħrufa li huma affettwati mill-ASF f'annimali porċini selvaġġi.

Għodod ta' komunikazzjoni ssuġġeriti:

- materjal għall-istampa, artikli, media f'rivisti speċjalizzati u media reġjonali/lokali;
- materjal stampat: posters, fuljetti, skedi informattivi, eċċ. jistgħu jitqassmu permezz ta' posta mmirata lill-assoċjazzjonijiet tal-kaċċaturi, iżda wkoll fl-ajruporti, fl-istazzjonijiet tal-ferrovija, f'faċilitajiet oħrajn tat-trasport, inklużi l-fruntieri u maġenb il-ħabitats tal-annimali porċini selvaġġi (eż. parks pubbliċi);
- l-organizzazzjoni ta' avvenimenti, taħriġ ta' seminars, konferenzi għal din il-mira;
- il-web u l-media soċjali online;
- vidjos qosra u animazzjonijiet distribwiti lill-udjenza fil-mira.

4. Pubbliku ġenerali (Inklużi vjaġġaturi u trasportaturi ta' għalf/ikel)

Għaliex għandu jitwaqqaf l-ASF?

- biex jiġu protetti s-saħħa tal-annimali u l-għajxien tal-produtturi tal-majjal;
- biex l-ASF jitwaqqaf milli jikkawża telf ekonomiku kbir;
- biex ikun hemm konformità mal-leġiżlazzjoni.

X'għandu jagħmel il-pubbliku ġenerali biex iwaqqaf l-ASF?

- ma jdaħħalx annimali jew prodotti porċini haġġin (majjal frisk, majjal imkessaħ jew iffriżat, zalzett, perżut, laħam ippreżervat bil-melħ, xaħam tal-majjal) tiegħu minn territorji barra l-UE;
- ma jċaqlaqx il-majjal u prodotti oħrajn tal-majjal minn żoni ristretti tal-ASF, jekk dan ikun ipprojbit mil-leġiżlazzjoni;
- ma jħallix ikel jew skart tal-ikel f'żoni aċċessibbli għal annimali porċini miżmuma jew selvaġġi.

Għodod ta' komunikazzjoni ssuġġeriti:

- il-web u l-media soċjali online;
- vidjos qosra u animazzjonijiet: għandhom jintwerew meta l-pubbliku ġenerali jkun qiegħed jivvjaġġa – ajruporti, stazzjonijiet tal-ferrovija u faċilitajiet oħrajn tat-trasport, inklużi l-fruntieri; ħdejn il-ħabitats tal-annimali porċini selvaġġi (eż. parks pubbliċi);
- materjal għall-istampa, artikli, media f'rivisti tal-ivvjaġġar, tal-ikel jew ambjentali;
- materjal stampat: posters, fuljetti, skedi informattivi: għandhom jitqassmu f'faċilitajiet tat-trasport, f'supermarkits jew f'parks naturali.

ANNEX II

- Miżuri ta' bijosigurtà għall-kaċċaturi u għall-persunal kollu li jfittex u jittratta karkassi ta' annimali porċini selvaġġi

L-awtorità kompetenti għall-kaċċa ta' annimali porċini selvaġġi jew għall-immaniġġar ta' karkassi tagħhom f'żoni ristretti jew f'żoni oħrajn (jekk l-awtorità kompetenti tqis li hemm riskju ta' ASF) għandha tikkunsidra l-miżuri ta' bijosigurtà elenkati hawn taħt.

- a) Għandu jkun disponibbli ammont adegwat ta' faċilitajiet ta' tlestija. Meta possibbli, għandu jkun hemm mill-inqas faċilità waħda ta' tlestija awtorizzata dedikata disponibbli għal kull art tal-kaċċa. F'każ li fl-art tal-kaċċa ma tkunx preżenti żona tat-tlestija, f'dak il-każ għandha tintuża l-eqreb art tal-kaċċa b'faċilità tat-tlestija. Iż-żona tat-tlestija għandha tiġi protetta minn aċċess mhux awtorizzat minn persuni u annimali, mgħammra bl-ilma, biżżejjed diżinfettanti effettivi disponibbli u tagħmir għall-ġbir tal-iskart.
- b) Għal kull art tal-kaċċa, faċilità/bini għandu jkun mgħammar bi friġġ (jew proċeduri li jilhq u rżultati ekwivalenti f'termini ta' żamma tal-karkassa sakemm ikunu disponibbli r-rżultati tal-laboratorju).
- c) L-annimali porċini selvaġġi kkaċċjati għandhom jibqgħu fil-bini tal-art tal-kaċċa sakemm jiġu ttestjati; għandhom jiġu rilaxxati biss karkassi negattivi. Biex jinkiseb dan, għandha tkun meħtieġa l-identifikazzjoni individwali tal-karkassi.
- d) Il-ġewwieni minn annimali porċini selvaġġi kkaċċjati ma għandux jitneħħa mill-annimal fuq il-post; l-annimali porċini selvaġġi maqtulin bi sparatura għandhom jinġiebu f'faċilitajiet apposta ta' tlestija awtorizzati li jllimitaw it-telf ta' fluwidi tal-ġisem (inkluż id-demmi).
- e) Wara li l-annimal porċin selvaġġ jitlesta, il-post u t-tagħmir użat (inkluż il-mezz tat-trasport) għandhom jinħaslu u jiġu ddiżinfettati b'diżinfettanti effettivi.
- f) Il-prodotti sekondarji tal-annimali għandhom jinġabru u jiġu pproċessati f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE ⁽¹⁾.
- g) Għandhom jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà meta wieħed ifittex u jittratta l-karkassi ta' annimali porċini selvaġġi biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni possibbli tal-mezzi tat-trasport, tal-btieħi u tad-djar.

⁽¹⁾ https://ec.europa.eu/food/food/animal-products/eu-rules_en

ANNEX III

- Kampjunar ta' annimali porċini selvaġġi u t-tneħħija ta' karkassi ta' annimali porċini selvaġġi fl-Istati Membri kkonċernati ⁽¹⁾**1. Kampjunar ta' annimali porċini selvaġġi.**

a) Sorveljanza passiva.

Il-prinċipju tal-kampjunar fil-pajjiż kollu (żoni ristretti u żoni mhux ristretti tal-istess Stat Membru kkonċernat) għandu jkun ibbażat fuq sorveljanza passiva msaħħa. Abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti, l-annimali porċini selvaġġi mejtin u morda kollha misjubin, meta rilevanti, għandhom jiġu ttestjati għall-ASF bl-użu tal-PCR. Fiż-żoni ristretti II u III, il-kampjunar fil-każ ta' grupp ta' annimali porċini selvaġġi li jinstabu mejtin simultanjament fl-istess post jista' jinġabar għall-ittestjar tal-PCR minn kampjun rappreżentattiv tal-grupp, kif previst mill-EURL.

b) Sorveljanza attiva.

Jista' jsir kampjunar addizzjonali bbażat fuq is-sorveljanza attiva minn annimali porċini selvaġġi kkaċċjati, abbażi ta' struzzjonijiet mill-awtorità kompetenti. F'żoni ristretti, għandu jsir kampjunar tal-annimali porċini selvaġġi kkaċċjati, maqtulin u mejtin/morda kollha (kampjunar u ttestjar ta' 100 % skont il-PCR). L-annimali porċini selvaġġi kkaċċjati f'żoni ristretti jistgħu jiġu ttestjati wkoll għal antikorpi kontra l-virus tal-ASF, meta rilevanti, abbażi ta' struzzjonijiet mill-awtorità kompetenti.

c) Minn annimali porċini selvaġġi kkaċċjati jintalbu biss kampjuni tad-demem (jistgħu jintużaw organi għall-kampjunar f'każijiet fejn il-kampjuni tad-demem ma jkunux disponibbli), kif previst mill-EURL.

2. Tneħħija ta' karkassi ta' annimali porċini selvaġġi.

a) It-tiftix tal-karkassa u r-rimi sikur għandhom jitwettqu mill-inqas f'żoni ristretti u fi kwalunkwe żona friskju, kif definit mill-awtorità kompetenti. Il-karkassi infettati għandhom jinstabu u jitneħħew b'mod sikur kemm jista' jkun malajr, bl-għan li l-marda tiġi kkontrollata f'żona limitata u li jibdeu japplikaw il-miżuri rilevanti ta' kontroll u ta' eradikazzjoni tal-ASF immedjatament.

b) F'każ ta' detezzjoni tal-ASF f'żoni mhux affettwati, is-sejba passiva tal-karkassi għandha tiġi ssupplimentata minn tfittxja attiva minn professjonisti f'postijiet identifikati ("hotspots") stabbiliti mill-awtorità kompetenti.

c) Ir-rimi tal-karkassi għandu jsir jew billi daww il-karkassi jiddaħħlu fl-impjant tar-rendering, billi jindifnu fil-fond jew billi jinħarqu (taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti) f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.

d) Meta rilevanti għandha ssir diżinfekzjoni.

⁽¹⁾ L-Istati Membri li għandhom żoni ristretti I, II jew III elenkati fl-Anness I u żoni ristretti elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594.

– Sommarju tar-rakkomandazzjonijiet relatati mal-annimali porċini selvaġġi kif deskritt fil-Kapitolu III

Miżuri	Sitwazzjoni epidemjoloġika			
	L-ebda ASF (tħejjija)	L-ebda ASF (tħejjija)	Okkorrenza tal-ASF (eradikazzjoni)	Endemija tal-ASF (kontroll)
	Żoni u żoni ristretti kkategorizzati għall-fini tal-linji gwida			
	5.1. Żoni fejn l-ASF ma jkunx preżent u li ma jmissux maż-żoni ristretti	5.2. Żoni, fejn l-ASF ma jkunx preżenti (inkluża ż-żona ristretta I), li jmissu maż-żoni ristretti	5.3. Żoni ristretti limitati li jikkorrispondu għal żoni li jkunu għadhom kif ġew infettati	5.4. Żoni ristretti kbar li jikkorrispondu għal żoni infettati sinifikanti
4.1. Illixkar	Limitat, għall-kaċċa, għall-insib u, meta rilevanti, għall-qtil		Limitat, għall-insib u għall-qtil	Limitat, għall-kaċċa, għall-insib u, meta rilevanti, għall-qtil
4.2. Miżuri ta' bijosigurtà	Meta rilevanti, il-miżuri ta' bijosigurtà matul il-kaċċa, l-insib u l-qtil ta' annimali porċini selvaġġi għandhom jissaħħu, jiġu promossi u sostnuti			
4.3. Ġbir tad-data ewlenija	Annimali porċini selvaġġi li nstabu mejtin inklużi fil-kampjun u li ġew ittestjati	Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju: annimali porċini selvaġġi misjubin mejtin li ġew ikkampjunati u ttestjati u annimali porċini selvaġġi kkaċċjati li ġew ittestjati għad-detezzjoni tal-virus tal-ASF. Il-karkassi kollha ttestjati jekk ir-riskju evalwat ikun għoli.	L-annimali porċini selvaġġi kollha misjubin mejtin u maqtulin: kampjun u ttestjar L-annimali porċini selvaġġi kkaċċjati kollha ġew ittestjati	L-annimali porċini selvaġġi kollha misjubin mejtin u maqtulin: kampjun u ttestjar Annimali porċini selvaġġi kkaċċjati li ġew ittestjati abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u f'konformità mar-Regolament dwar l-ASF
4.4. Kooperazzjoni	Il-kooperazzjoni effettiva u effiċjenti tal-awtoritajiet kompetenti u tal-partijiet ikkonċernati (bħall-korpi ta' ġestjoni tal-forestrija, l-awtoritajiet ambjentali u l-kaċċaturi) hija essenzjali għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni bikrija, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-ASF			
4.5. Qtil	Ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti; il-qtil għandu jitqies għat-tnaqqis tal-popolazzjoni ta' annimali porċini selvaġġi	Ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti; il-qtil għandu jitqies u jiġi promoss għat-tnaqqis tal-popolazzjoni ta' annimali porċini selvaġġi	Il-qtil għandu jitqies li jeqred l-ASF meta tintlaħaq il-fażi endemika (wara l-fażi epidemika) u taħt is-supervizzjoni tal-awtorità kompetenti. Fil-prattika ma għandha ssir l-ebda azzjoni sakemm ma jiġi kkonsolidat u identifikat it-tnaqqis tal-kurva epidemika permezz ta' sistema kontinwa ta' sorveljanza passiva jew sakemm jiġu implimentati miżuri oħrajn biex jiġi pprevenut il-moviment tal-annimali porċini selvaġġi	Ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti; il-qtil għandu jitqies u jiġi promoss għat-tnaqqis tal-popolazzjoni ta' annimali porċini selvaġġi

4.6. Stabbiliment ta' "żona bajda"	Mhux rilevanti	Jista' jitqies abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju flimkien ma' miżuri oħrajn		Mhux rilevanti, iżda jista' jitqies f'sitwazzjonijiet speċifiċi, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u flimkien ma' miżuri oħrajn	
4.7. Bini ta' reċinti	Mhux rilevanti	Mhux rilevanti, iżda jista' jitqies għaż-żamma ta' żoni żgħar delimitati biex jiġu ffaċilitati l-miżuri ta' prevenzjoni	Rilevanti għall-eradikazzjoni tal-ASF f'żoni infettati ewlenin limitati definiti, jekk jinbnew f'waqthom u b'mod strateġiku biex jitnaqqas it-tixrid tal-marda	Mhux rilevanti, iżda jista' jitqies għaż-żamma ta' żoni żgħar delimitati biex jiġu ffaċilitati l-miżuri ta' kontroll	
4.8. Kaċċa	Għan	Iż-żieda fl-isforz tal-kaċċa biex titnaqqas il-popolazzjoni	Kaċċa intensiva (sforz massimu tal-kaċċa)	Ir-rakkomandazzjoni ta' projbizzjoni totali tal-attivitàjiet tal-kaċċa tal-ispeċijiet kollha tal-annimali sakemm il-fażi epidemika tkun naqset	Għandha ssir biss taħt miżuri stretti ta' bijosigurtà, meta rilevanti (eż. għall-użu domestiku privat tal-kaċċaturi, sabiex jinġabru kampjuni għall-ittestjar, bl-għan li titnaqqas popolazzjoni ġenerali ta' annimali porċini selvaġġi)
	Grad ta' sforz	Żieda fil-borża tal-kaċċa (sforz kwantitattiv)	Kaċċa minn individwu jew fejn grupp ta' kaċċaturi jikkaċċjaw bħala grupp	Il-qtil isir biss wara li l-fażi epidemika tkun naqset	Qtil minn kaċċaturi mħarrġa
	Metodi	Jiġu mmirati annimali femminili u kważi adulti (sforz kwalitattiv) permezz tal-metodi tal-kaċċa tas-soltu	Il-kaċċa fl-ogħla livell li jista' jinkiseb f'dik iż-żona. L-involviment privat/pubbliku biex jintlaħaq l-oġettiv li titnaqqas il-popolazzjoni	L-ebda kaċċa fejn grupp ta' kaċċaturi jikkaċċjaw bħala grupp Wara li l-fażi epidemika tkun naqset, issir kaċċa fl-ogħla livell li jista' jinkiseb f'dik iż-żona. L-involviment privat/pubbliku biex jintlaħaq l-oġettiv li titnaqqas il-popolazzjoni	Kaċċa taħt miżuri stretti ta' bijosigurtà biex jinġabru kampjuni għall-ittestjar
4.9. Sorveljanza passiva	Sorveljanza passiva mtejba; annimali porċini selvaġġi misjubin mejtin inklużi fil-kampjun u ttestjati abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju	Sorveljanza passiva mtejba; għassa attiva biex jinstabu u jiġu ttestjati annimali porċini selvaġġi mejtin	Sorveljanza passiva mtejba; għassa attiva biex jinstabu u jiġu ttestjati annimali porċini selvaġġi mejtin u biex titneħħa/tintrema l-karkassa	Sorveljanza passiva mtejba; għassa attiva biex jinstabu u jiġu ttestjati annimali porċini selvaġġi mejtin u biex titneħħa/tintrema l-karkassa	

4.10. Access ristrett	Mhux rilevanti	Mhux rilevanti	L-aċċess għal żoni infettati għandu jkun ristrett kemm jista' jkun minħabba r-riskji tat-trażmissjoni tal-ASF permezz tal-bnedmin, tat-tagħmir, tal-vetturi, eċċ.	Mhux rilevanti, iżda jista' jitqies f'sitwazzjonijiet speċifiċi
4.11. Restrizzjonijiet ta' tmigħ sostnut	Għandu jkun ristrett u ma għandux iseħħ		F'sitwazzjonijiet speċifiċi, wara valutazzjoni tar-riskju, l-awtorità kompetenti tista' tqis li tippermetti tmigħ sostnut ta' annimali porċini selvaġġi għal perjodu ta' żmien limitat bl-għan li jitrażżnu l-annimali porċini selvaġġi f'żona li tkun għadha kif ġiet infettata fejn għan ta' żmien qasir-medju jkun li jinqered l-ASF minn dik iż-żona	Għandu jkun ristrett u ma għandux iseħħ
4.12. Kampjunar u ttestjar	Testijiet PCR	Testijiet PCR Id-detezzjoni tal-Ab tista' tintuża f'sitwazzjonijiet speċifiċi, bħall-ittestjar ta' annimali porċini selvaġġi fiż-żona ristretta I (animal seropożittiv jista' jkun indikattiv ta' sitwazzjoni ta' marda li qiegħda tevolvi bħall-firxa tal-ASFV barra miż-żoni ristretti II jew III)	Testijiet PCR	Testijiet PCR Id-detezzjoni tal-Ab tista' tintuża f'sitwazzjonijiet speċifiċi f'żoni fejn l-ASF kien preżenti għal żmien twil
4.13. Insib	Kaċċa u ttestjar	Kaċċa u ttestjar	Qtil u ttestjar L-insib għandu jitqies bħala miżura effettiva biex tiġi llimitata jew titnaqqas il-popolazzjoni ta' annimali porċini selvaġġi fil-kuntest tal-ASF f'żona limitata (eż. f'“żona bajda”), flimkien ma' miżuri oħrajn, bl-għan li jinqered l-ASF, b'mod partikolari fiż-żoni li jkunu għadhom kif ġew infettati	Qtil u ttestjar